# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Novembru, 2020.**

**Numru 10**

**Rikors numru 88/19 LM**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ahmed Alhadi Khalleefah Suwah**

**Il-Qorti:**

1. Din is-sentenza hi dwar l-appell ippreżentat mill-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fit-12 ta' Ġunju 2020 permezz ta' liema ġiet mwieġba referenza kostituzzjonali li saritilha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-30 ta' Mejju 2019, dwar jekk l-eventwali konfiska tal-flus kollha eżibiti quddiemha *a*

*tenur* tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 233.07 jiksirx id-drittijiet tal-imputat protetti bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

2. Rat illi l-fatti li wasslu għal dan l-appell kienu s-segwenti:

2.1. Fit-28 ta' Ottubru 2018 l-imputat twaqqaf minn uffiċjali tad-dwana ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u fuq il-persuna tiegħu nstabet is-somma ta' €34,970 fi flus kontanti li l-imputat kien naqas milli jiddikjara mal-awtoritajiet konċernati. Is-somma ta' €10,000 ingħatat lura lill-imputat filwaqt li s-somma rimanenti fl-ammont ta' €24,970 inqabdet mill-Kummissarju tat-Taxxi;

2.2. Fid-29 ta' Ottubru 2018, l-imputat tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali akkużat talli, f'dawn il-Gżejjer, fit-28 ta' Ottubru 2018, għall-ħabta tal-għaxra neqsin għoxrin ta' filgħodu (9:40hrs) ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, Gudja, naqas milli jiddikjara lill-Kontrollur tad-Dwana li huwa kien qiegħed iġorr ammont ta' flus kontanti li jeċċedi s-somma ta' €10,000 meta daħal Malta, bi ksur ta' Artikolu 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 149 tal-2007 (Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus). Regolamenti li saru in forza tal-Att dwar it-Tranżazzjonijiet Esterni (Kapitolu 223 tal-Liġijiet ta' Malta). Dik il-Qorti ġiet mitluba

sabiex, fil-każ ta' sejbien ta' ħtija, barra li timponi l-piena stabbilita mil-Liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha eżibiti kif ukoll il-kundanna tal-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2.3. Fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2018, kienet preżentata s-somma ta' €24,970 li qabad il-Kummissarju tat-Taxxi;

2.4. Permezz ta' rikors datat 20 ta' Diċembru 2018 id-difiża talbet li ssir referenza kostituzzjonali lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili skont l-Artikolu 46(3) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dik il-Qorti taqta' u tiddeċiedi jekk il-fatt illi l-imputat, jekk jinsab ħati u l-Qorti tordna l-konfiska tal-flejjes kollha esebiti, jiksirx id-drittijiet tiegħu a tenur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll tal-Kostituzzjoni jew le u sabiex jingħataw dawk id-direttivi kollha opportuni fir-rigward tal-kwistjoni;

2.5. Il-Kummissarju tal-Pulizija oppona għal din it-talba u talab lill-Qorti tiddikjaraha bħala waħda frivola u vessatorja;

2.6. Permezz ta' provvediment mogħti fit-30 ta' Mejju 2019, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali laqgħat

it-talba tal-imputat u rreferiet il-kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex dik il-Qorti:

> '***taqta' u tiddeċiedi jekk il-fatt illi l-imputat, jekk jinsab ħati, il-Qorti sejra tordna l-konfiska tal-flejjes kollha esebiti, jiksirx id-drittijiet tiegħu a tenur tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll tal-Kostituzzjoni jew le'*.**

2.7. B'<u>sentenza mogħtija fit-12 ta' Ġunju 2020</u>, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili wieġbet ir-Referenza Kostituzzjonali li saritilha mill-Qorti tal-Maġistrati (Qorti ta' Ġudikatura Kriminali), billi ddikjarat li l-Artikolu 3(4) u (5) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 149 tal-2007 (Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Flus), taħt l-Att dwar it-Tranżazzjonijiet Esterni (Kap. 223 tal-Liġijiet ta' Malta), li jistipula li f'każ li tinstab ħtija *ai termini* tal-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi, il-Qorti tal-Maġistrati (Qorti ta' Ġudikatura Kriminali) għandha tordna l-konfiska tal-flejjes kollha li nstabu fil-pussess tar-rikorrent f'ammont li jeċċedi l-għaxart elef Euro (€10,000), jivvjola d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, bl-ispejjez kontra r-riferuti.

3. L-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija appellaw u ilmentaw li:-

> *'dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet li l-multa u l-konfiska kif imposti mir-regolament 3 tal-L.S. 233.07 huma leżivi tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u dan għaliex ... L-Ewwel Qorti waslet għall-*

*konklużjoni li l-imposizzjoni ta' multa ta' 25% fuq l-ammont kollu li kien qed iġorr l-appellat flimkien mal-konfiska tassattiva tas-somma in eċċess l-10,000 euro hija sproporzjonata.*

*"Dwar l-aggravju l-esponent jisħaq li ma hemm xejn irraġjonevoli jew sproporzjonat fl-imposizzjoni ta' tali pieni għal dan ir-reat.'*

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

4. Illi l-konsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza kienu s-segwenti:

*'Il-Qorti qiegħda tintalab tagħti deċiżjoni dwar jekk fl-eventwalità ta' ħtija tar-referent, il-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) tordna l-konfiska tal-flejjes kollha meħuda mill-pussess tar-rikorrent, dan ikunx jammonta għal ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu għat-tgawdija tal-possedimenti tiegħu kif protetti bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-artikoli relattivi tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*"Il-Qorti kkonsidrat li r-referent qiegħed jiffaċċja proċeduri penali wara li nqabad dieħel fl-Ajruport ta' Malta bis-somma ta' erbgħa u tletin elf, disa' mija u sebgħin Euro (€34,970) fi flus kontanti, liema ammont ta' flus ma ġiex iddikjarat mal-Kontrollur tad-Dwana. Ir-rikorrent kellu l-obbligu impost bil-liġi, li jiddikjara kwalsiasi ammont ta' flus li jeċċedi l-ammont ta' għaxart elef Euro (€10,000) u l-artikoli relattivi tal-liġi jiddisponu li f'każ li r-referent jinstab ħati, il-Qorti trid timponi fuqu l-ħlas ta' multa ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tal-valur tal-flus li kellu fuqu, flimkien mal-konfiska favur l-Istat ta' kull somma li kien qiegħed iġorr fuqu li kienet teċċedi s-somma ta' għaxart elef Euro (€10,000). Il-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) stabbiliet fir-referenza kostituzzjonali tagħha, li minkejja li r-referent tħalla jżomm fil-pussess tiegħu s-somma ta' għaxart elef Euro (€10,000) mill-ammont ta' flus li kien qiegħed iġorr fuqu mal-wasla tiegħu fil-pajjiż, ġiet elevata s-somma ta' erbgħa u għoxrin elf, disa' mija u sebgħin Euro (€24,970), li più o meno tammonta għal żewġ terzi tal-ammont kollu li kien qiegħed iġorr fuqu r-referent meta għadda mill-Ajruport. Jirriżulta mill-artikoli relattivi tal-liġi li f'każ ta' ħtija, il-Qorti tal-Maġistrati m'għandha l-ebda diskrezzjoni sabiex tfassal hi l-piena adattata skont il-gravità tar-reat, iżda l-piena hija waħda fissa u timporta l-impożizzjoni ta' multa ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin fil-mija tal-valur tal-flus li kien qiegħed iġorr fuqu r-referent, u l-konfiska ta' kull somma in eċċess ta' għaxart elef Euro (€10,000) li kien qiegħed iġorr fuqu r-referent.*

*"L-ilment ewlieni tar-referent huwa li tali konfiska hija waħda sproporzjonata u eċċessiva meta wieħed jikkonsidra x'wassal għall-*

*akkuża li huwa qiegħed jiffaċċja, u ċjoé n-nuqqas tiegħu li jiddikjara mal-Kontrollur tad-Dwana l-ammont ta' flus kontanti li kien qiegħed iġorr fuqu meta kien dieħel mill-Ajruport u li kien jeċċedi l-għaxart elef Euro, bi ksur tal-artikolu 3 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 149 tal-2007. Ir-referent jgħid li kull interferenza mill-Istat għall-jedd għat-tgawdija tal-possedimenti trid tkun waħda proporzjonata mal-gravità tar-reat. Ġie sottomess li minkejja li l-ammont ta' flus ikkonfiskati mill-pussess tar-referent huwa wieħed sostanzjali, fl-istess waqt ma saret l-ebda akkuża jew allegazzjoni li dawn il-flejjes huma provenjenti minn atti kriminali jew illeċiti, u l-fatt li r-referent naqas milli jiddikjara l-ammont ta' flus li kien qiegħed iġorr fuqu, ma kkawża l-ebda ħsara jew periklu lill-Istat Malti.*

*"Il-Qorti tqis li f'dan l-istadju mhijiex qiegħda tintalab tagħmel indaġni jew tgħaddi ġudizzju fuq il-ħtija o meno tar-referent, jew dwar il-provenjenza tal- flejjes misjuba fuqu. Dak li qiegħda tintalab tagħmel il-Qorti huwa biss li tevalwa jekk il-konfiska tas-somma ta' erbgħa u għoxrin elf, disa' mija u sebgħin Euro (€24,970) li ġew elevati mill-pussess tar-referent, f'każ li dan jinstab ħati li naqas milli jiddikjara mal-Kontrollur tad-Dwana l-ammont ta' flus li kien qiegħed iġorr fuqu, tilledix il-jedd fundamentali tar-rikorrent għat-tgawdija tal-possedimenti tiegħu.*

*"Il-Qorti qieset dak li qalet il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fid-deċiżjoni fl-ismijiet* ***Gyrlyan vs Russia****, li kienet tittratta ċirkostanzi simili għal dawk odjerni:*

> *"21. The Court reiterates its consistent approach that a confiscation measure, even though it involves a deprivation of possessions, falls within the scope of the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1, which allows the Contracting States to control the use of property to secure the payment of penalties. However, this provision must be construed in the light of the general principle set out in the first sentence of the first paragraph and there must, therefore, exist a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised (see* ***Ismayilov****, §30, and* ***Paulet****, §64, ... and* ***Grifhorst vs France****, no. 28336/02, §§85-86, 26 February 2009).*
>
> *"...*
>
> *"23. The Court further notes that States have a legitimate interest and also a duty by virtue of various international treaties to implement measures to detect and monitor the movement of cash across their borders, since large amounts of cash may be used for money laundering, drug trafficking, financing terrorism or organised crime, tax evasion or the commission of other serious financial offences. The general declaration requirement applicable to any individual crossing the State borders prevents cash from entering or leaving the country undetected and the confiscation measures which the failure to declare cash to the customs authorities results in is part of the general regulatory scheme designed to combat those offences. The Court therefore considers that the confiscation measure conformed to the*

*general interest of the community (see **Ismayilov**, §34, and **Grifhorst**, §93, both cited above).*

*"24. The remaining question for the Court to determine is whether the interference struck the requisite fair balance between the protection of the right of property and the requirements of the general interest, taking into account the margin of appreciation left to the respondent State in that area. The requisite balance will not be achieved if the property owner concerned has had to bear "an individual and excessive burden". Moreover, although the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1 contains no explicit procedural requirements, the Court must consider whether the proceedings as a whole afforded the applicant a reasonable opportunity to put his case to the competent authorities with a view to enabling them to establish a fair balance between the conflicting interests at stake (see **Grifhorst**, §94; **Paulet**, §65; and **Boljevic**, §41, all cited abvoe; **Denisova and Moiseyava vs Russia**, no. 16903/03, §§58-59, 1 April 2010; and **Rummi vs Estonia**, no. 63362/09, §104, 15 January 2015).*

*"28. The Court reiterates that in order to be proportionate, the interference should correspond to the severity of the infringement, and the sanction to the gravity of the offence it is designed to punish – in the instant case, failure to comply with the declaration requirement – rather than to the gravity of any presumed infringement which has not actually been established, such as an offence of money laundering or tax evasion (see Ismayilov, §38; Grifhorst, §102; and Bolyevic, § 44, all cited above)."*

*"Il-Qorti qieset li f'dan il-każ r-referent qiegħed jiffaċċja sitwazzjoni fejn fl-eventwalità li jinstab ħati li naqas li jiddikjara mal-Kontrollur tad-Dwana kemm kien l-ammont ta' flus li kien qiegħed iġorr fuqu, li huwa r-reat li bih qiegħed jiġi akkużat, ser jiġu kkonfiskati l-flejjes kollha li kien qiegħed iġorr fuqu mal-wasla tiegħu f'Malta, għajr għall-ammont ta' għaxart elef Euro (€10,000) li ngħata lura lilu. F'każ ta' ħtija tar-referent, l-ammont li ser jiġi kkonfiskat huwa ta' erbgħa u għoxrin elf, disa' mija u sebgħin Euro (€24,970), u minkejja li l-Qorti mhix mgħarrfa x'kienet il-provenjenza ta' dawn il-flejjes, mill-proċeduri penali li ttieħdu s'issa kontra r-rikorrent, ma jidhirx li kien hemm suspetti ta' xi improprjetà jew ta' xi atti illeċiti da parti tiegħu. Il-Qorti qieset li apparti li bħala quantum l-ammont ta' flus li ġew elevati mill-pussess tar-rikorrent hu wieħed sostanzjali, dan l-ammont ta' flus hu ekwivalenti għal żewġ terzi (2/3) tal-flejjes kollha li nstabu fil-pussess tar-referent. Il-Qorti hija tal-fehma li l-impożizzjoni ta' ordni ta' konfiska tal-flejjes kollha li nstabu fil-pussess tar-referent, għajr għall-għaxart elef Euro (€10,000) li ngħatawlu lura, flimkien mal-impożizzjoni ta' multa ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin fil-mija tal-valur tal-flus li nstabu fil-pussess tar-referent, hija waħda sproporzjonata u eċċessiva u tilledi l-jedd fundamentali tar-rikorrent għat-tgawdija tal-possedimenti tiegħu. In vista tan-nuqqas ta' proporzjon bejn il-piena li l-liġi tagħna timponi u l-gravità tar-reat li individwu naqas milli jagħmel dikjarazzjoni mal-Kontrollur tad-Dwana, il-Qorti hija tal-fehma li hemm ksur tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet*

*tal-Bniedem, kif ukoll tad-dritt fundamentali għat-tgawdija tal-proprjetà kif sanċit bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*"Hawnhekk ikun pertinenti li l-Qort tiċċita minn dak li qalet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-deċiżjoni fl-ismijiet Paulet vs. The United Kingdom illi:*

> *"63. Article 1 of Protocol No. 1 in substance guarantees the right of property (see* ***Marckx vs Belgium****, 13 June 1979, § 63, Series A no. 31). It comprises "three distinct rules": the first rule, set out in the first sentence of the first paragraph, is of a general nature and enunciates the principle of the peaceful enjoyment of property; the second rule, contained in the second sentence of the first paragraph, covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions; the third rule, stated in the second paragraph, recognises that the Contracting States are entitled, amongst other things, to control the use of property in accordance with the general interest (see, inter alia,* ***Sporrong and Lönnroth vs Sweden****, 23 September 1982, §61, Series A no. 52). However, the three rules are not "distinct" in the sense of being unconnected: the second and third rules are concerned with particular instances of interference with the right to peaceful enjoyment of property and should therefore be construed in the light of the general principle enunciated in the first rule (see* ***Lithgow and Others v. The United Kingdom****, 8 July 1986, §106, Series A no. 102).*
>
> *"64. It is not in dispute that the confiscation order in the present case amounted to an interference with the applicant's right to peaceful enjoyment of his possessions as protected by the first sentence of Article 1 of Protocol No. 1. Moreover, it is clear from* ***Phillips vs The United Kingdom****, no. 41087/98, §51, ECHR 2001-VII, that confiscation orders fall within the scope of the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1, which, inter alia, allows the Contracting States to control the use of property to secure the payment of penalties. However, this provision must be construed in the light of the general principle set out in the first sentence of the first paragraph and there must, therefore, exist a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised (see, among many examples,* ***Allan Jacobsson vs Sweden****, (no. 1) judgment of 25 October 1989, Series A no. 163, p. 17, § 55).*
>
> *"65. An interference with Article 1 of Protocol No. 1 will be disproportionate where the property-owner concerned has had to bear "an individual and excessive burden", such that "the fair balance which should be struck between the protection of the right of property and the requirements of the general interest" is upset (see* ***Sporrong and Lönnroth vs Sweden****, cited above, §73)."*

*"Din il-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-każ ma ntlaħaqx dan il-bilanċ xieraq bejn il-jeddijiet tal-individwu min-naħa l-waħda, u l-interessi tal-Istat fuq in-naħa l-oħra, u tqis li r-referent ser ikun qiegħed iġorr piż wisq oneruż u sproporzjonat bil-konfiska ta' ammont sostanzjali ta' flus għan-nuqqas tiegħu mal-wasla tiegħu f'Malta li jiddikjara l-pussess ta' dawn il-flus mal-uffiċjali tad-Dwana, bil-konsegwenzjali ksur tal-jeddijiet*

> *fundamentali tar-referent kif sanċit bl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.'*

5. L-appellanti jilmentaw li, kuntrarjament għal dak deċiż mill-ewwel Qorti, fl-impożizzjoni għall-pieni għal dan ir-reat m'hemm xejn irraġonevoli jew sproporzjonat. Jibdew billi jirreferu għall-fatt li r-Regolament 3 tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus (Leġislazzjoni Sussidjarja 233.07) ġie estensivament emendat permezz tal-Avviż Legali 85 tal-2019 għalkemm fl-istess nifs jikkonċedu illi '*fil-każ tar-rikorrent l-ammont in eċċess tal-10,000 jaqbez is-somma ta' 26,000 euro galadarba fuqu kellu iktar minn 36,000 euro u ghalhekk lanqas jidher li jista' jibbenefika minn dawn l-emendi.'* Jirreferu mbagħad għar-Regolament (UE) 2018/1672 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar kontrolli fir-rigward ta' flus kontanti deħlin fl-Unjoni jew ħerġin mill-Unjoni u r-Regolament (KE) Nru 1889/2005[1] u jisħqu li l-ordnijiet ta' konfiska fil-kamp penali huma regolati bil-liġi u rikonoxxuti globalment bħala miżura effettiva fil-ġlieda kontra reati serji bħal fost oħrajn il-ħasil ta' flus, traffikar ta' droga, terroriżmu, evażjoni fiskali u frodi, u dan fl-interess ġenerali. Jagħmlu referenza wkoll għal żewġ *Framework Decisions* li ġew adottati mill-Unjoni Ewropea, ossija, id-*Deċiżjoni kwadru tal-Kunsill 2003/577/JHA tat-22 ta' Lulju 2003 dwar it-twettiq fl-Unjoni Ewropea tal-mandati li jiffriżaw xi proprjetà jew xi evidenza* u *Council*

[1] Dan ġie mħassar bir-Regolament (UE) 2018/1672 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-23 ta' Ottubru 2018 li Għandu japplika mit-3 ta' Ġunju 2021.

*Framework Decision 2006/783/JHA of 6 October 2006 on the application of the principle of mutual recognition to confiscation orders.* Jisħqu konsegwentement illi:

> *'1) Il-liġi hija ġustifikata u neċessarja fid-dawl tal-ġlieda kontra l-ħasil ta' flus u reato oħra kommessi.*
>
> *"2) Il-piena mposta għandha l-għan li sseriv ukoll bħala deterrent.*
>
> *"3) Il-piena hija proporzjonata iktar u iktar bl-emendi l-ġodda.*
>
> *"4) Il-konfiska tal-oġġetti tar-reat hija miżura rikonoxxuta mhux biss f'Malta iżda ukoll fl-Unjonin Ewropea.*
>
> *"5) Hija l-Unjoni Ewropea stess permezz tar-Regolamenti imsemmija preċedentement li timponi fuq l-pajjiżi Membri sabiex iżommu kontroll fuq flejjes li jinġarru barra*
>
> *"6) Il-liġi u l-awtoritajiet ġudizzjarji ma jistgħux b'xi mod jippremjaw min jikser il-liġi f'pajjiż li jħaddan ir-rule of law.'*

Talbu għalhekk lil din il-Qorti:

> *'tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata tat-12 ta' Ġunju 2020 u minflok tiddikjara li ma ġie vjolat l-ebda jedd fundamentali tal-appellat bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.'*

6. Qabel kull konsiderazzjoni oħra huwa xieraq li jiġi ppuntwalizzat li fil-mori ta' dan l-appell daħal fis-seħħ l-Avviż Legali 285 tal-2020 li *inter alia* jipprovdi li:

> *'**7.** Ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus huma b'dan imħassra mingħajr preġudizzju għal kull ħaġa li saret jew naqset milli ssir taħthom.'*

7. Regolamenti li daħlu fis-seħħ fis-7 ta' Lulju 2020.

8. Illum, f'każ li persuna dieħla, ħierġa jew li tkun għaddejja fi tranżitu minn Malta u tkun qiegħda ġġorr somma ta' valur ta' għaxart elef euro (€10,000) jew iżjed fi flus li ma tkunx iddikjarat, teħel multa ekwivalenti għal 55% tal-ammont in eċċess ta' għaxart elef ewro flimkien ma' multa oħra ta' €50. Iżda l-konfiska tal-flus li jeċċedu l-€10,000 m'għadhiex tassattiva.

9. F'dan ir-rigward issir referenza għar-regolament 3(10) tal-Avviż Legali 285 tal-2020 li jipprovdi li għandu jkun hemm fond li jkun magħruf bħala d-Depożitarju li jkun amministrat mill-Kummissarju tat-Taxxi. Skont l-istess sub-regolament, id-Depożitarju "*..... għandu jirċievi* ***biss*** *flus miżmuma skont dawn ir-regolamenti*".[2] Jipprovdi mbagħad għall-proċedura sabiex jiġi determinat jekk il-flus li jitpoġġew fid-Depożitarju għandhomx ikunu rilaxxati lill-persuna mingħand min kienu ġew miżmuma. Hu biss wara li l-awtoritajiet kompetenti[3] jiddeterminaw jekk twettaqx reat kriminali, qiegħed jitwettaq jew ser jitwettaq permezz tal-flus taħt xi liġi, li tittieħed deċiżjoni.

10. Madankollu l-proċedura kontemplata fl-Avviż Legali 285 tal-2020 mhijiex il-meritu ta' din il-kawża u għalhekk din il-Qorti m'għandhiex bżonn tagħmel konsiderazzjonijiet dwarha.

[2] Enfażi tal-Qorti.
[3] Il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja, il-Pulizija, l-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi, il-Kummissarju, is-Servizz tas-Sigurtà ta' Malta u l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.

11. Kif tajjeb ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Matthew-John Migneco*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-15 ta' Novembru 2011:

> *'għal dak li jirrigwarda l-aspetti ta' dritt marbutin mar-riferenza din il-Qorti ttenni li hija marbuta li tqis il-kwistjoni "kostituzzjonali" skond il-parametri tar-riferenza magħmula lilha. Billi l-kwistjoni tkun inqalgħet quddiem Qorti li mhix il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali, u billi l-proċediment ma jkunx tressaq quddiem din il-Qorti direttament minn min jallega l-ksur tal-jedd fondamentali partikolari, din il-Qorti jkollha tqis fedelment il-kwistjoni fil-mod u t-termini mgħoddijin lilha mill-Qorti li tkun għamlet ir-riferenza,[4] u jekk tonqos li tagħmel dan jew titbiegħed milli tqis dak lilha riferut, tkun qegħda tiddeċiedi extra petita[5];'*

12. F'dan ir-rigward huma wkoll rilevanti s-sentenza ***Police v. Nelson Arias*** tat-28 ta' Settembru 2012.

13. L-appell ser jiġi deċiż a bażi tad-domanda li saret mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif kienu r-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' flus <u>qabel</u> ma ġew imħassra bl-Avviż Legali 285 tal-2020. Wara kollox dan hu appell mis-sentenza tal-Qorti Ċivili.

14. Ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus li daħlu fis-seħħ bl-Avviż Legali 149 tal-2007 kif sussegwentement emendati, kienu wkoll jipprovdu

---

[4] Kost. **31.7.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Bedingfield v. Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i.232**) a fol. 243.
[5] Kost. **30.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea et v. Briffa et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.540)** a fol. 554-5.

li kull persuna dieħla jew ħierġa minn Malta, jew li tkun għaddejja fi tranżitu minn Malta u li tkun qiegħda ġġorr somma ekwivalenti għal €10,000 jew iżjed fi flus għandha l-obbligu li tiddikjara dik is-somma lill-Kontrollur. Fin-nuqqas, is-subregolament (4) u (5) kienu jipprovdu għas-segwenti sanzjonijiet:

> *"(4) Persuna li tagħmel dikjarazzjoni falza għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti jew li ma twettaqx l-obbligu li tiddikjara somma bħal dik skont is-subregolament (2), tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin fil-mija tal-valur, f'valuta lokali fid-data meta l-persuna tkun dieħla jew ħierġa minn Malta jew meta tkun għaddejja fi transitu minn Malta, tal-flus li jkunu qegħdin jinġarru, imma f'kull każ dik il-multa ma għandiex tkun teċċedi ħamsin elf ewro (€50,000).*
>
> *"(5) Barra mill-piena li tista' tagħti lil persuna misjuba ħatja ta' reat taħt is-subregolament (4), il-qorti għandha tordna l-konfiska favur il-Gvern tal-flus mhux dikjarati li jkunu jeċċedu €10,000 jew tal-ammont sħiħ meta l-flus ikunu indiviżibbli.'*

15. Għall-finijiet ta' kompletezza għandu jingħad ukoll li fit-23 ta' April 2019, ossija ftit qabel ma saret ir-referenza odjerna, kien ġie ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern l-Avviż Legali 85 tal-2019[6] permezz ta' liema r-regolament 3 kien ġie sostitwit fis-sħih. Ta' rilevanza għal dan il-każ huwa s-subregolament (4)(c) li essenzjalment jinkorpora fih dak li kien qablu jipprovdi r-regolament 3(4) u (5) li għalihom irreferriet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fir-referenza tagħha:

> *"(ċ) Jekk is-somma msemmija fis-subregolament (1) li tkun dikjarata falz jew li ma tkunx dikjarata tkun ta' valur ta' għoxrin elf u wieħed euro (€20,001) jew iktar, il-Kummissarju għandu jaqbad is-somma li teċċedi*

[6] Illum imħassar.

*għaxart elef euro (€10,000) jew l-ammont sħiħ meta l-flus ikunu indiviżibbli u l-persuna teħel, meta tinstab ħatja, multa ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tal-valur tal-flus kollha li jkunu qegħdin jinġarru, inkluż fuq is-somma ta' għaxart elef euro (€10,000), f'valuta lokali fid-data meta l-persuna tkun dieħla jew ħierġa minn Malta jew meta tkun għaddejja fi transitu minn Malta, iżda f'kull każ dik il-multa m'għandhiex tkun teċċedi ħamsin elf euro (€50,000), u kif ukoll il-qorti għandha tordna l-konfiska favur il-Kummissarju l-ammont tal-flus mhux dikjarati li jkunu jeċċedu għaxart elef euro (€10,000) jew tal-ammont sħiħ meta l-flus ikunu indiviżibbli.'*

16. Avviż Legali 85 tal-2019 ipprovda wkoll li:

*'**3.** Dawn ir-regolamenti għandhom jgħoddu wkoll fir-rigward ta' nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' flus jew dikjarazzjoni falza ta' flus li jkun seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti sakemm ma tkunx diġa ingħatat sentenza finali mill-qorti."*

17. Għalhekk, jekk l-imputat jinstab ħati tar-reati dedotti kontrih u l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tiddeċiedi li f'dan il-każ għandu japplika r-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus kif kien qabel daħal fis-seħħ l-Avviż Legali 285 tal-2020, f'każ ta' sejbien ta' ħtija l-appellat jeħel multa ta' 25% tal-flus li kien qiegħed iġorr, ċioe` €8,742.50 u tiġi konfiskata s-somma ta' €24,970 li b'kollox jammontaw għal €33,712.50 li tista' tgħid li hu l-ammont kollu li kien qiegħed iġorr. Fil-fatt bejn il-multa u s-somma konfiskata, l-attur ser ikun tilef madwar 96.5% tal-flus li kien qiegħed iġorr fuqu.

18. Il-multa u l-konfiska huma kontemplati f'liġi. Fis-sentenza ***Gyrlyan v. Russia*** (numru 35943/15) tad-9 ta' Ottubru 2018, il-QEDB qalet:-

*"21. The Court reiterates its consistent approach that a confiscation measure, even though it involves a deprivation of possessions, falls within the scope of the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1, which allows the Contracting States to control the use of property to secure the payment of penalties. However, this provision must be construed in the light of the general principle set out in the first sentence of the first paragraph and there must, therefore, exist a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised (see Ismayilov, § 30, andPaulet, § 64,both cited above, and Grifhorst v. France, no. 28336/02, §§ 85-86, 26 February 2009).*

*"22. By contrast with previous cases against Russia in which the Court identified defects in the legal framework governing the confiscation of foreign currency (see Baklanov v. Russia, no. 68443/01, § 46, 9 June 2005; Sun v. Russia, no. 31004/02, §§ 29-33, 5 February 2009; and Adzhigovich v. Russia, no. 23202/05, §§ 30-34, 8 October 2009), the sanction for non-compliance with the obligation to declare any amount of foreign currency exceeding USD 10,000 was established in Article 16.4 of the Code of Administrative Offences, which provided for either a fine or a confiscation order (see paragraph 15 above). The Court is therefore satisfied that the interference with the applicant's property rights was provided for by law, as required by Article 1 of Protocol No. 1".*

19. Mhemmx dubju li r-regolamenti mertu ta' din ir-referenza kostituzzjonali huma intiżi sabiex jiġi evitat il-ħasil ta' flus u reati oħra serji ta' natura finanzjarja, traffikar ta' drogi, finanzjar ta' terroriżmu jew reati oħra u evażjoni ta' taxxa. Għalhekk il-miżura ta' konfiska tħares l-interessi ġenerali tal-komunita` wkoll kontra l-kriminalita`.

20. F'dan il-kuntest huwa wkoll rilevanti r-Regolament (KE) Nru 1889/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar kontrolli ta' flus kontanti deħlin fil-Komunità jew ħerġin mill-Komunità li fil-preamboli tiegħu jipprovdi:

*‘(2) L-introduzzjoni fis-sistema finanzjarja tar-rikavat ta' attivitajiet illegali u l-investiment ta' dan ir-rikavat wara l-“ħasil” (money laundering) tiegħu huma dannużi għall-iżvilupp ekonomiku san u sostenibbli...*

*“...*

*“(5) Għaldaqstant, il-flus kontanti li kwalunkwe persuna fiżika ġġorr meta tkun dieħla fil-Komunità jew ħierġa mill-Komunità għandhom ikunu suġġetti għall-prinċipju ta' dikjarazzjoni obbligatorja. Dan il-prinċipju għandu jippermetti lill-awtoritajiet tad-dwana jiġbru informazzjoni dwar tali movimenti ta' flus kontanti u, fejn xieraq, jittrasmettu tali informazzjoni lil awtoritajiet oħrajn...*

*“...*

*“(6) Fid-dawl ta' l-għan preventiv u tal-karattru deterrent tiegħu, l-obbligu ta' dikjarazzjoni għandu jiġi sodisfatt meta persuna tidħol fil-Komunità jew toħroġ mill-Komunità. Madankollu, sabiex l-azzjoni ta' l-awtoritajiet tiġi ffukata fuq movimenti sinifikattivi ta' flus kontanti, biss dawk ilmovimenti ta' 10 000 euro jew iżjed għandhom ikunu suġġetti għal tali obbligu. Għandu jiġi speċifikat ukoll li l-obbligu ta' dikjarazzjoni japplika għall-persuna fiżika li ġġorr il-flus kontanti, mingħajr ma jitqies jekk dik il-persuna hijiex jew le l-proprjetarju.*

*“...*

*“(13) Is-setgħat ta' l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġu supplimentati bl-obbligu ta' l-Istati Memrbi li jistabbilixxu pieni. Madankollu, il-pieni għandhom jiġu imposti biss fin-nuqqas li ssir dikjarazzjoni skond dan ir-Regolament.’*

21. Ta’ rilevanza wkoll huwa r-Regolament (UE) 2018/1672 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Ottubru 2018 dwar kontrolli fir-rigward ta’ flus kontanti deħlin fl-Unjoni jew ħerġin mill-Unjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1889/2005. Dan ir-Regolament daħal fis-seħħ għoxrin jum wara li ġie ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fit-12 ta’ Novembru 2018 u għandu japplika mit-3 ta’ Ġunju 2021. Fil-preamboli tiegħu jipprovdi:

*'(2) L-introduzzjoni mill-ġdid ta' rikavati illeċiti fl-ekonomija u d-devjazzjoni tal-flus għall-finanzjament ta' attivitajiet illeċiti joħolqu distorsjonijiet u żvantaġġi kompetittivi inġusti għaċ-ċittadini u l-kumpaniji li josservaw il-liġi, u huma għalhekk theddida għall-funzjonament tas-suq intern. Barra minn hekk, dawk il-prattiki jħeġġu attivitajiet kriminali u terroristiċi li jipperikolaw is-sigurtà taċ-ċittadini tal-Unjoni ...*

*"...*

*"(17) Għall-prevenzjoni tal-ħasil ta' flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, jenħtieġ li jiġi impost l-obbligu tad-dikjarazzjoni ta' flus kontanti fuq il-persuni fiżiċi deħlin fl-Unjoni jew ħerġin mill-Unjoni. Biex ma jiġix limitat il-moviment liberu mingħajr raġuni valida jew biex ċittadini u awtoritajiet ma jitgħabbewx iżżejjed b'formalitajiet amministrattivi, jenħtieġ li l-obbligu ta' dikjarazzjoni jiġi suġġett għal-livell limitu ta' EUR 10 000. Dan jenħtieġ li japplika għal portaturi li jġorru tali ammonti fuqhom stess, fil-bagalji tagħhom jew fil-mezzi ta' trasport li fihom jaqsmu l-fruntieri esterni. Jenħtieġ li huma jkunu obbligati jqiegħdu l-flus kontanti għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti għal finijiet ta' kontroll u, jekk ikun hemm bżonn, jippreżentawhom lil dawk l-awtoritajiet kompetenti.*

*"...*

*"(35) Sabiex tiġi inkoraġġita l-konformità u skoraġġita l-evażjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jintroduċu penali għal nuqqas ta' konformità mal-obbligi ta' dikjarazzjoni jew ta' divulgazzjoni ta' flus kontanti. Jenħtieġ li dawk il-penali japplikaw biss għan-nuqqas ta' dikjarazzjoni jew ta' divulgazzjoni ta' flus kontanti skont dan ir-Regolament u ma jieħdux kont tal-possibbiltà ta' attività kriminali assoċjata mal-flus kontanti, li tista' tkun l-għan ta' investigazzjoni ulterjuri u miżuri li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dawk il-penali jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi, u li ma jmorrux lil hinn minn dak li jkun meħtieġ biex tiġi inkoraġġita l- konformità. Jenħtieġ li l-penali introdotti mill-Istati Membri jkollhom effett deterrenti ekwivalenti mal-Unjoni kollha fuq il-ksur ta' dan ir-Regolament."*

22. Il-Qorti tal-Prim'Istanza, wara li kkonsidrat li:

22.1. bħala quantum l-ammont ta' flus li ġew elevati mill-pussess tar-rikorrent hu wieħed sostanzjali, ossija żewġ terzi ($^2/_3$) tal-flejjes kollha li nstabu fil-pussess tiegħu; u

22.2. l-eventwali impożizzjoni ta' ordni ta' konfiska tal-flejjes kollha li nstabu fil-pussess tar-referent, għajr għall-għaxart elef Euro (€10,000) li ngħatawlu lura, flimkien mal-impożizzjoni ta' multa ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin fil-mija tal-valur tal-flus li nstabu fil-pussess tiegħu, hija waħda sproporzjonata u eċċessiva;

sabet ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni in kwantu qieset li hemm nuqqas ta' proporzjoni bejn il-piena li l-liġi timponi u l-gravità tar-reat li l-individwu naqas milli jagħmel dikjarazzjoni mal-Kontrollur tad-Dwana.

23. Għalkemm ir-referenza li għamlet il-Qorti tal-Maġistrati, abbażi tat-talba li saret lilha mill-appellat, kienet limitata għal ordni tal-konfiska tal-flus kollha eżebiti u mhux għall-multa ta' 25% tas-somma li nstab iġorr l-imputat, l-impożizzjoni ta' multa wkoll taqa' taħt l-Artikolu 1 tal-ewwel Protokoll. F'dan ir-rigward fis-sentenza **Mamidakis v. Greece** (numru 35533/04) tal-11 ta' Jannar 2007, il-QEDB qalet:-

> *"4. En l'occurrence, la Cour observe que l'amende litigieuse est une ingérence dans le droit garanti par le premier alinéa de l'article 1 du Protocole no 1, car elle prive le requérant d'un élément de propriété, à savoir de la somme qu'il doit payer ; cette ingérence se justifie conformément au second alinéa de cet article, qui prévoit expressément une exception pour ce qui est du paiement d'impôts, d'autres contributions ou d'amendes. Toutefois, cette disposition doit être interprétée à la lumière du principe général énoncé dans la première phrase du premier alinéa, et il doit donc exister un rapport de proportionnalité raisonnable entre les moyens employés et le but*

*recherché (Phillips c. Royaume-Uni, no 41087/98, § 51, CEDH 2001-VII).*

*"45. Par conséquent, l'obligation financière née du paiement d'une amende peut léser la garantie consacrée par cette disposition, si elle impose à la personne en cause une charge excessive ou porte fondamentalement atteinte à sa situation financière (voir Orion-Břeclav S.R.O. c. République tchèque (déc.), no 43783/98, 13 janvier 2004)"*.[7]

24. Għalhekk, sabiex jiġi mistħarreġ jekk hemmx '*a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim pursued'* huwa importanti li l-pieni prevvisti għar-reat in kwistjoni jiġu meqjusa fl-assjem tagħhom.

25. F'dan il-kuntest terġa' ssir referenza għar-Regolament (KE) Nru 1889/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 u r-Regolament (UE) 2018/1672 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar kontrolli fir-rigward ta' flus kontanti deħlin fl-Unjoni jew ħerġin mill-Unjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru

---

[7] Traduzzjoni bl-Ingliż:-

*"4. In the instant case, the Court observes that the fine at issue is an interference with the right guaranteed by the first paragraph of Article 1 of Protocol No. 1, since it deprives the applicant of an element of property, namely the sum he has to pay; that interference is justified in accordance with the second paragraph of that Article, which expressly provides for an exception in respect of the payment of taxes, other contributions or fines. However, this provision must be interpreted in the light of the general principle set out in the first sentence of the first paragraph, and there must therefore be a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim pursued (Phillips v. the United Kingdom, no. 41087/98, § 51, ECHR 2001-VII).*

*"45. Consequently, the financial obligation arising from the payment of a fine may adversely affect the guarantee enshrined in this provision* ***if it imposes an excessive burden on the person concerned or fundamentally prejudices his financial position*** *(see Orion-Břeclav S.R.O. v. the Czech Republic (dec.), no. 43783/98, 13 January 2004)"*.

1889/2005. Fl-Artikolu 3 taż-żewġ Regolamenti jingħad rispettivament illi:

| | |
|---|---|
| *‘1. Kwalunkwe persuna fiżika dieħla fil-Komunità jew ħierġa mill-Komunità u li ġġorr flus kontanti ta' valur ta' 10 000 euro jew iżjed għandha tiddikjara dik is-somma lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li minnu tidħol fil-Komunità jew toħroġ mill-Komunità skond dan ir-Regolament. L-obbligu ta' dikjarazzjoni ma jkunx ġie sodisfatt jekk l-informazzjoni provduta ma tkunx korretta jew ma tkunx kompleta.’* | *‘1. Il-portaturi li jġorru flus kontanti ta’ valur ta’ EUR 10 000 jew aktar għandhom jiddikjaraw dawk il-flus kontanti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li minnu jkunu deħlin fl-Unjoni jew ħerġin mill-Unjoni u jagħtuhom aċċess għalihom għall-finijiet ta’ kontroll. L-obbligu ta’ dikjarazzjoni ta’ flus kontanti ma għandux jitqies li jkun issodisfat jekk l-informazzjoni li tingħata ma tkunx korretta jew sħiħa jew jekk ma jingħatax aċċess għall-flus kontanti għall-finijiet ta’ kontroll.’* |

26. L-imsemmija Regolamenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jipprovdu wkoll illi:

| | |
|---|---|
| *‘1. Kull Stat Membru għandu jintroduċi l-pieni li għandhom japplikaw fejn ikun hemm nuqqas ta' konformità ma' l-obbligu ta' dikjarazzjoni stabbilit fl-Artikolu 3. Tali pieni għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.’* (artikolu 9) | *‘Kull Stat Membru għandu jintroduċi penali li għandhom japplikaw fil-każ ta’ nuqqas ta’ konformità mal-obbligu tad-dikjarazzjoni ta’ flus kontanti akkumpanjati stabbilit fl-Artikolu 3 jew l-obbligu tad-divulgazzjoni ta’ flus kontanti mhux akkumpanjati stabbilit fl-Artikolu 4. Tali penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.’* (artikolu 14) |

27. Fil-fehma tal-Qorti l-impożizzjoni waħedha ta’ multa ta’ 25% ukoll fuq l-ewwel €9999, ammont li l-attur seta’ joħroġ minn Malta mingħajr ma

jagħmel ebda dikjarazzjoni, ma jistax jingħad li sproporzjonat meta tikkonsidra l-għan wara dak ir-Regolament.

28. Għal dak li jikkonċerna l-konfiska tal-flus ta' dak l-ammont li jkun in eċċess ta' €10,000, fir-rigward tal-Artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, fis-sentenza **Sadocha v. Ukraine** tal-11 ta' Lulju 2019, il-QEDB qalet:

> *"27. The remaining question for the Court to determine is whether the interference struck the requisite fair balance between the protection of the right of property and the requirements of the general interest, taking into account the margin of appreciation left to the respondent State in that area. The requisite balance will not be achieved if the property owner concerned has had to bear "an individual and excessive burden".* ***Moreover, although the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1 contains no explicit procedural requirements, the Court must consider whether the proceedings as a whole afforded the applicant a reasonable opportunity to put his case to the competent authorities with a view to enabling them to establish a fair balance between the conflicting interests at stake*** *(see Boljević, cited above, § 41; Denisova and Moiseyeva v. Russia, no. 16903/03, §§ 58-59, 1 April 2010; and Rummi v. Estonia, no. 63362/09, § 104, 15 January 2015)".*

29. F'dan il-każ mhuwiex magħruf l-oriġini tal-flus li nstabu fuq l-appellant. L-attur ma xehedx quddiem il-Prim'Awla u lanqas ressaq provi dokumentarji li juru l-provenjenza leġittima tal-flus. Għalhekk, il-Qorti ma tistax tgħid li n-nuqqas tal-attur kien sempliċement nuqqas li jagħmel id-dikjarazzjoni li trid il-liġi.

30. Hu veru li fil-proċeduri kriminali li hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, l-attur hu

akkużat biss li naqas milli jiddikjara l-flus li kien ser joħroġ minn Malta r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Flus (L.S. 233.07). Hu veru wkoll li mhemmx provi li l-oriġini tal-flus huma minn attivita` illegali jew li kien hemm evażjoni fiskali u illi s-somma ta' €10,000 ġiet ritornata lura lill-imputat. Pero` min-naħa l-oħra l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali m'għamlu ebda dikjarazzjoni li mhemmx kontestazzjoni li l-oriġini tal-flus hu minn attivita` leċita. Dan apparti li s'issa l-appellat għadu ma ta l-ebda tagħrif dwar il-provenjenza tal-flus u x'kien ser isir minnhom.

31. Għalhekk il-Qorti ma tistax tasal għal deċiżjoni dwar jekk l-appellat huwiex jiġi mġiegħel iġorr piż sproporzjonat ġialadarba għadu ma ta l-ebda spjegazzjoni dwar il-provenjenza tal-flus li kien ser joħroġ barra minn Malta. Dan irrispettivament mill-fatt li jidher li l-unika akkuża li saret kontra l-attur hi li m'għamilx id-dikjarazzjoni meħtieġa skont il-liġi. Fil-fehma tal-Qorti hu biss fejn il-Qorti jkollha l-fatti kollha li tista' tasal għall-konklużjoni dwar il-każ partikolari. L-attur jaf minn fejn ġab il-flus u x'kien ser jagħmel bihom, u għandu jagħti prova sodisfaċenti li l-provenjenza hi minn attivita` legali. Fil-fehma tal-Qorti l-oneru tal-prova qiegħed fuq l-attur.

32. Il-Qorti żżid li jista' jkun hemm każ fejn multa ta' 25% tal-flus li l-persuna tkun qiegħda ġġorr flimkien mal-konfiska favur il-Kummissarju tat-Taxxa ta' kull somma li hi iktar minn €10,000, tkun ġustifikata. Pero`

ovvjament kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ. Wieħed ma jistax jiġġeneralizza. Għalhekk jekk il-Qorti ma jkollhiex il-fatti kollha quddiemha mhux ser ikun possibbli li tasal għall-konklużjoni li l-persuna sofriet minn *"an individual and excessive burden"* (ara paragrafu 24 tas-sentenza ta' **Gyrlyan v. Russia**). Mingħajr ma jkollha l-fatti kollha quddiemha din il-Qorti mhijiex f'pożizzjoni li tiddeċiedi xi ħsara seta' jagħmel l-attur lill-awtoritajiet bil-fatt li ma ddikjarax li kien qiegħed iġorr fuqu s-somma ta' €34,970.

33. L-ilment tal-imputat kif riprodott fir-referenza kostituzzjonali magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jindirizza biss il-provvedimenti tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 233.07, Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus kif kienu fis-seħħ qabel ma tħassru bl-Avviż Legali 285 tal-2020, fis-sens li fil-proċeduri kriminali f'każ ta' sejbien ta' ħtija, hu tassattiv fuq il-Qorti li tordna l-konfiska tal-flus in eċċess ta' €10,000.

34. In-nuqqas li l-Qorti ssib f'dawk ir-regolamenti hu iktar difett proċedurali. Issir referenza għall-paragrafu 49 tas-sentenza **Yasar v. Romania** (numru 64863/13) tas-26 ta' Novembru 2019, il-QEDB li kienet titratta dwar konfiska ta' bastiment. F'dik is-sentenza l-Qorti qalet:

> *"60. As regards the striking of a fair balance between the means employed by the domestic authorities for the purpose of preventing criminal activities relating to illegal fishing in the Black Sea and the protection of the applicant's property rights, the Court reiterates that*

*such a balance depends on many factors, and **the behaviour of the owner of the property is one element of the entirety of circumstances which should be taken into account** (see AGOSI, cited above, § 54). **The Court must consider whether the applicable procedures in the present case were such as to enable reasonable account to be taken of the degree of fault or care attributable to the applicant or, at least, of the relationship between his conduct and the breach of the law which occurred; and also whether the procedures in question afforded him a reasonable opportunity to put his case to the relevant authorities** (ibid., § 55). In ascertaining whether these conditions were satisfied, a comprehensive view must be taken of the applicable procedures (see B.K.M. Lojistik Tasimacilik Ticaret Limited Sirketi, cited above, 43)".*

35. F'dan il-każ, skont ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus qabel ma ġew imħassra bl-Avviż Legali 285 tal-2020, mhemmx mezz kif l-imputat jikkontesta l-konfiska ta' iktar minn €10,000. Il-liġi ma kinitx tikkontempla għaċ-ċirkostanza fejn il-provenjenza tal-flus tkun leġittima u mhux b'riżultat ta' xi reat. Kulħadd tpoġġa fl-istess keffa, irrispettivament jekk il-provenjenza tal-flus kinitx minn attivita` legali jew illegali. Meta tiġi għall-konfiska, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma kellhiex diskrezzjoni. Is-sejbien ta' ħtija minħabba li l-akkużat ma jkunx għamel id-dikjarazzjoni permezz tal-formola li hemm fl-iskeda, twassal sabiex il-Qorti jkollha tordna l-konfiska tal-flus in eċċess ta' €10,000. Dan irrispettivament miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.

36. Dan m'għandux ikun u jwassal biex ma jkunx hemm il-bilanċ (*proportionality*) li jridu l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. *Proportionality* li kif rajna r-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea numru 1889/2005 u 2018/1672 stess jeżiġu.

37. Kif kienu r-Regolamenti qabel l-Avviż Legali 285 tal-2020, jista' jagħti l-każ li l-ordni li l-flus jiġu konfiskati tispiċċa tkun ukoll ta' natura punittiva. Hekk per eżempju fejn ma jkunx hemm lok li l-Gvern jiġi kkumpensat għal xi telf, bħal per eżempju f'taxxa fuq il-qligħ li ma tkunx tħallset. Dan meta diġa` hemm il-multa li hi ta' natura punittiva, f'persentaġġ ta' 25% tal-flus li kien qiegħed iġorr. Akkużat jaf jispiċċa b'multa ta' 25% u konfiska li fir-realta` tkun punittiva wkoll.

38. Il-liġi ma kinitx tikkontempla l-possibilita` li jsir eżerċizzju sabiex jiġi determinat dak li fil-każ **Gyrlyan v. Russia** (35943/15) il-QEDB irreferiet għalih bħala *"an assessment of proportionality"*:

> *"30. **The Court is not convinced by the Government's argument that an assessment of proportionality was incorporated in the domestic decisions**. It does not appear that the above considerations relating to the lawful origin of the money, the unintentional nature of the applicant's conduct or the absence of indications of any other customs offences, played any role in their decision-making. The sentencing court merely referred to the "nature and dangerousness of the offence" and "information on the [applicant's] character" **but did not ask whether or not the confiscation order was in the public interest or whether the requisite balance was maintained in a manner consonant with the applicant's right to the peaceful enjoyment of his possessions. Accordingly, the Court finds that the scope of the review carried out by the domestic courts was too narrow to satisfy the requirement of seeking the "fair balance" inherent in the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1** (see Paulet, cited above, § 68).*
>
> *"31. Moreover, contrary to the Government's claim that the court had opted for the most lenient penalty, Article 16.4 **does not appear to leave the sentencing court any discretion in the matter by imposing a choice between a fine equivalent to at least the undeclared amount or confiscation of the undeclared cash.** In either case, it was the entire undeclared amount that was forfeited to*

> *the State.* ***In the Court's view, such a rigid system is incapable of ensuring the requisite fair balance between the requirements of the general interest and the protection of an individual's right to property*** *(see Grifhorst, cited above, § 103 in fine, and also Vasilevski v. the former Republic of Macedonia, no. 22653/08, § 57, 28 April 2016, and Andonoski v. the former Yugoslav Republic of Macedonia, no. 16225/08, § 38, 17 September 2015, in which the domestic legislation prevented the courts from considering the relationship between the applicant's conduct and the offence)".*

39. Il-Qorti f'każ ta' sejbien ta' ħtija jkollha tikkundanna lill-ħati għal multa ta' 25% tal-flus li kien qiegħed iġorr (sa massimu ta' €50,000) u fl-istess waqt tordna l-konfiska ta' kwalsiasi somma li teċċedi s-somma ta' €10,000 mingħajr ebda diskrezzjoni. Sitwazzjoni li ma tippermettix li jinżamm bilanċ bejn l-interess ġenerali u l-protezzjoni tad-dritt ta' individwu għall-proprjeta`.

40. L-aggravju tal-appellanti qiegħed għalhekk jiġi miċħud.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm